# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## INTERPRETAZZJONI GHAD-DECIZJONI

## NUMRU 440

KAZ NRU. 468

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

DSESU kif rapprezentata mis-Sur Carmel Tonna u is-Sur Kenneth Abela President u Segretarju rispettivament

u

Malta Drydocks kif rappre-zentata mis-Sur Sammy Meilaq, Chairman tal-Kunsill, rigward ir-"Recognition"

Data: 12 ta' Novembru, 1992.

Chairman: Is-Sur Tonio Portughese, B.A. (Hons.) M.A..

Membri: Is-Sur Alfred Mallia-Milanes

Is-Sur Abel Giglio, Dip. Educ. Guid.

Decizjoni tat-Tribunal Industrijali dwar Rikors prezentat mid-DSESU b'riferenza ghall-award minnu moghti fis-27 ta' Mejju, 1992.

Fir-rikors gie sottomess li fid-decizjoni tat-Tribunal kien hemm omissjonijiet serji u l-ewwel paragrafu tat-terms of remit ma giex deciz; li t-Tribunal waqt li laqa' t-talba ghal vot sigriet injora t-talba biex il-vot isir fost dawk il-haddiema managerjali li kienu fuq il-kotba tat-Tarzna nhar is-6 ta' Lulju, 1988; li mhemmx referenza ghal paragrafu tlieta tat-terms of remit.

It-Tribunal rega' ghal darb'ohra ezamina d-decizjoni li wasal ghaliha fl-award tieghu wara analizi twila, estensiva u dettaljata. Dan it-Tribunal ezawrixxa l-analizi tal-punti kollha mqajjma u fejn ma laqghax xi talbiet maghmula minn xi wahda mill-partijiet fit-tilwima ma qalx li laqa' appuntu xi talba specifika izda fejn kellu jaghti direttivi jew rakkomandazzjonijiet li ddecidihom hu unanimament, dan ghamlu bl-aktar mod car, preciz u konkret minghajr ma halla dubji jew novulozita' fuq il-konkluzjonijiet tieghu.

Ghandu jkun maghmul car li dan it-Tribunal mhuwiex xi istituzzjoni ohra ta' appell minn decizjoni li ta hu stess, izda fl-ananlizi tar-rikors illimita ruhu biex jara li dak li ddecieda jkun miftiehem u spjegat b'mod car. Fil-fatt wara l-analizi dovuta jikkonferma l-validita ta' l-analizi tieghu u jtenni li l-punti gew ezaminati kollha f'kuntest globali ta' kwistjoni wiesa' bid-dimensjonijiet u l-aspetti involuti kollha kif kellu dmir jaghmel. Dan it-Tribunal ghaldaqstant jikkonkludi li l-award li ta originarjament huwa car u kumplessiv f'ambitu ta' kwistjoni li nvolvitu f'kunsiderazzjoni twila ta' xhieda u dokumentazzjoni voluminuza. It-tezi globali u kumplessiva li hi sintetizzata fl-award ghandha l-bazi taghha fix-xoghol ta' analizi metikoluza li wasslet biex dan it-Tribunal fformula award unanimu u jikkonfermah ukoll b'dan id-digriet.

Tonio Portughese
CHAIRMAN

Alfred Mallia Milanes
MEMBRU

Abel Giglio
MEMBRU

Edwin Spiteri
SEGRETARJU